MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2502/2002

**Helen McGurk**

**vs**

**Ganni sive John Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 t'Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35.00), ghall-oggetti li bi ftehim kif ried il-konvenut sar. Dan ha parti minn sett ta' l-ghamara tal-kamra tas-sodda li huma komodina u sett tal-lavaman (antiki) li bi ftehim qal lill-attrici li flus dak in-nhar li kien il-Gimgha, kien qed jiehu dawn l-oggetti u jigi t-tlieta ta' wara jtihomlha d-dar taghha. Ghaddew granet u l-konvenut ma marx u l-attrici cemplet u nies il-konvenut qalulha li qieghed Ghawdex. L-attrici ma setghet taghmel xejn. Wara cemplilha u qalilha li qieghed Ghawdex u li malli jigi lura jhallasha. Meta**

**wara granet il-konvenut, xorta ma marx, u hi kumbinazzjoni ltaqghet mieghu go "car boot sale" u qalilha li ghadu kif habat bil-vann u ghandu spiza, imma ma jdumx ma jmur. Regghu ghaddew granet, anzi gimghat, u ma marx u meta cemplet, il-mara tal-konvenut qaltilha: "Dan kollu intrigu ghaliha" u qaghtet. L-attrici marret tfittxu u kellimt lil tal-Kunsill fejn jahdem l-Isla u ma nqdietx. Marret l-Ghassa Bormla u inghatat l-indirizz tieghu u kellmet Avukat u baghat javzah li jekk ma jhallasx fi zmien jumejn jittiehdu passi kontrih skond il-Ligi. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-Ligi. L-attrici qed titlob d-danni sofferti, barra li s-somma ta' l-affarijiet li hi baxxa wisq ghall-oggetti tant prezjuzi, li lilha tellifha l-bejgh tas-sett kollu f'daqqa.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Helen McGurk li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamsa u tletin lira Maltija  (Lm35.00), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mis-26 t'Ottubru, 2002.**

**L-ispjjez ta' dina l-istanza ghadhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**